

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/119/PESK

tal-5 ta' Marzu 2014

### dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Frar 2014, il-Kunsill ikkundanna f'termini l-aktar qawwija kull użu tal-vjolenza fl-Ukraina. Huwa appella għal tmiem immedjat tal-vjolenza fl-Ukraina, u għar-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Huwa appella lill-Gvern tal-Ukraina sabiex jeżerċita trażżin massimu u lill-kapijiet tal-oppożizzjoni sabiex jiddisassoċjaw ruħhom minn dawk li jirrikorru għal azzjoni radikali, inkluża l-vjolenza.
- (2) Fit-3 ta' Marzu 2014, il-Kunsill qabel biex jiffoka miżuri restrittivi fuq l-iffriżar u rkupru ta' assi ta' persuni identifikati bħala responsabbli għall-misapproprijazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, bil-għan tal-konsolidazzjoni u s-sostenn tal-istat ta' dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina.
- (3) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għall-misapproprijazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.
2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness.
3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

- (a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi elenkati fl-Anness u l-membri tal-familji dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura mediċa, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u hlasiġiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;
- (c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, għall-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi ffriżati dment li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu l-oġġett ta' sentenza arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmijin fill-paragrafu 1 kienu ġew elenkati fl-Anness, jew ta' sentenza ġudizjarja, amministrattiva jew arbitrali li ġiet mogħtija fl-Unjoni, jew sentenza ġudizjarja li tkun infurzabbli fl-Istat Membru konċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklussivament bħala pagament ta' pretensjonijiet assicurati minn tali sentenza jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;
- (c) is-sentenza ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tas-sentenza ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru konċernat.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 1 m'għandux iżomm lil xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp minn daww elenkati milli jagħmlu pagament dovut taħt kuntratt li daħlu għalih qabel id-data li fiha tali persuna, entità jew korp ġew elenkati fl-Anness, dment li l-Istat Membru konċernat jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna, entità jew korp imsemmijin fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew dħul ieħor fuq daww il-kontijiet;
- (b) pagamenti dovuti minħabba kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha daww il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew
- (c) pagamenti dovuti taħt sentenzi ġudizjarji, amministrattivi jew arbitrali li ġew mogħtija fl-Unjoni jew li huma infurzabbli fl-Istat Membru konċernat,

sakemm kwalunkwe tali imgħax, dħul ieħor u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

#### Artikolu 2

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jiddeċiedi biex jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċizzjoni msemija fil-paragrafu 1, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp konċernati, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notiffika, li tipprovdi lil tali persuna, entità jew korp bl-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrive di-deċizzjoni msemija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna, entità jew korp konċernati kif meħtieġ.

#### Artikolu 3

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-inklużjoni tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 1(1).

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi konċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

#### Artikolu 4

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri msemija fl-Artikolu 1(1) u (2), l-Unjoni għandha thegħeġġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal daww previsti f'din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2015.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

## ANNEX

## Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
1.	Viktor Fedorovych Yanukovych	twieled fid-9 ta' Lulju 1950, ex-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
2.	Vitalii Yuriyovych Zakharchenko	twieled fl-20 ta' Jannar 1963, ex-Ministru tal-Affarijiet Interni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
3.	Viktor Pavlovych Pshonka	twieled fis-6 ta' Frar 1954, ex-Prosekutur Ġenerali tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
4.	Oleksandr Hryhorovych Yakymenko	twieled fit-22 ta' Diċembru 1964, ex-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
5.	Andriy Volodymyrovych Portnov	twieled fis-27 ta' Ottubru 1973, ex-Konsulent tal-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
6.	Olena Leonidivna Lukash	twieldet fit-12 ta' Novembru 1976, ex-Ministru tal-Ġustizzja	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
7.	Andrii Petrovych Kliuiev	twieled fit-12 ta' Awwissu 1964, ex-Kap tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
8.	Viktor Ivanovych Ratushniak	twieled fis-16 ta' Ottubru 1959, ex-Viċi Ministru tal-Affarijiet Interni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
9.	Oleksandr Viktorovych Yanukovych	twieled fl-1 ta' Lulju 1973, iben l-ex-President, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
10.	Viktor Viktorovych Yanukovych	twieled fis-16 ta' Lulju 1981, iben l-ex-President, Membru tal-Verkhovna Rada tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
11.	Artem Viktorovych Pshonka	twieled fid-19 ta' Marzu 1976, iben l-ex-Prosekutur Ġenerali, Viċi Kap tal-fazzjoni tal-Partit tar-Reġjuni fil-Verkhovna Rada tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
12.	Serhii Petrovych Kliuiev	twieled fit-12 ta' Awwissu 1969, negozjant, hu s-Sur Andrii Kliuiev	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
13.	Mykola Yanovych Azarov	twieled fis-17 ta' Diċembru 1947, Prim Ministru tal-Ukraina sa Jannar 2014	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
14.	Oleksii Mykolayovych Azarov	iben l-ex-Prim Ministru Azarov	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
15.	Serhiy Vitaliyovych Kurchenko	twieled fil-21 ta' Settembru 1985, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
16.	Dmytro Volodymyrovych Tabachnyk	twieled fit-28 ta' Novembru 1963, ex-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-appropriazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
17.	Raisa Vasylivna Bohatyriova	twieldet fis-6 ta' Jannar 1953, ex-Ministru tas-Saħħa	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-appropriazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
18.	Ihor Oleksandrovych Kalinin	twieled fit-28 ta' Diċembru 1959, ex-Konsulent tal-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-appropriazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014